MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 138/2010

**Alfred Paul Farrugia fil-kwalita' tiegħu ta' amministratur tal-ereditajiet tal-aħwa Cecilia, Giuseppina u Mary Debono Preziosi**

**-vs-**

**Lawrence Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-esponent Alfred Paul Farrugia kien nominat amministratur tal-ereditajiet tal-aħwa Cecilia, Giuseppina u Mary Debono Preziosi b'digriet numru 505/1982 mogħti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Mejju 1982.

2. Illi l-imsemmija ereditajiet jikkomprendu porzjoni art imsejħa ‘Ta’ Żuta’, fil-kuntrada ‘Ta’ Żuta’, fil-limiti ta’ Ħad- Dingli / Siġġiewi.

3. Illi l-esponent nomine kien ikkonċeda lill-intimat Lawrence Caruana d-dritt esklussiv li jdur għall-kaċċa fuq din il-porzjoni art għal żmien tlett snin li bdew jiddekorru mill-1 ta’ Settembru 2000.

4. Illi sussegwentement din il-konċessjoni baqgħet tiġġedded sal-31 ta’ Awissu 2007;

5. Illi b’ittra legali tas-7 ta’ Frar, 2008, l-esponenti nomine avża lill-intimat li l-konċessjoni li kellu kienet skadiet, u li l-art kien għadu qed jokkupaha mingħajr ebda jedd legali.

6. Illi b’ittra uffiċjali tat-22 ta’ Ottubru 2009, l-esponent nomine reġa’ fakkar lill-intimat li l-konċessjoni mogħtija lilu għal skop ta’ kaċċa kienet skadiet, u interpellah sabiex b’effett immedjat jiżgombra minn din l-art.

7. Illi minkejja li l-intimat kien debitament notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali, huwa baqa’ inadempjenti u għadu sal-lum qed jokkupa din l-art abbużivament u kontra l-liġi.

8. Illi jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) sabiex it-talba tal-esponent nomine għall-iżgumbrament tal-intimat mill-porzjoni art fuq imsemmija tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tagħha, billi sa fejn jaf l-esponent nomine, l-intimat m’għandux l-eċċezzjonijiet validi x’jagħti kontra din it-talba.

Għaldaqstant, għar-raġuniijiet premessi u dawk kollha li jistgħu jirriżultaw fil-kors tas-smiegħ ta’ din il-kawża, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista’ tirriżulta meħtieġa, l-esponent nomine jitlob bir-rispett li din l-Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

2. Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti jiżgombra mill-porzjoni art imsejħa ‘Ta’ Żuta’, fil-kuntrada ‘Ta’ Żuta’, fil-limiti ta’ Ħad-Dingli / Siġġiewi u jirrilaxxjaha bil-pussess battal favur l-esponent nomine.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.

B’riserva għal kull azzjoni oħra, inkluż dik għad-danni, kompetenti lill-esponent nomine skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet u rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess minn fejn jirriżulta li t-talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawża ġiet miċħuda, u l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Għaldaqstant billi t-talba attriċi tirriżulta ġustifikata, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------